***Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan***

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 31 – 26 ta' Mejju 2026**

***Minuti tal-wieħed u tletin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-26 ta' Mejju 2026 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 31. Il-laqgħa bdiet fis-6:55pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

31.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li

- saru s-sinjali ta-traffiku fi Triq Sant Antnin min-naħa tal-Kunsill għaliex IM baqgħu m'għamlu xejn.
- ħarġet l-awtorizazzjoni sabiex Heavy Vehicles ma jgħaddux minn Triq Mikielanġ Sapiano.
- hemm il-ħtieġa li jsiru build-outs fejn iz-zebra crossings fi Triq Mikielang Sapiano fejn Santa Marija
- saret talba pubblika sabiex nsibu fondi halli jitħawlu siġar fi Triq Luigi Fontana mit-Tourism Zones Regeneration Agency.
- hemm 3 toroq bla isem
    1. In-naħa ta' Gianpula tissemma Trejqa għall-Bdiewa
    2. Trejqa fejn il-Barumbara tissemma Trejqa ta' Ħruf
    3. Triq f'zona Għarram tissemma Triq Leli l-Abbati
- Ġie implimentat t-timed-parking fi Triq Sciortino bil-ħinijiet.
- qed jitnaddaf Wied Qirda mill-Project Green u ser issir installazzjoni tad-drip irrigation.

31.2 Attivita Kulturali Sajf 2026

Il-Kunsill ingħata fondi addizzjonali sabiex tittella attività fis-sajf bit-tema tal-Qubbajd fl-attivita għaż-Żiffa taż-Żebbuġ 2026.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ ser jingħata wkoll Eur10,000 extra bħala fondi minħabba li għandu t-titlu ta' Citta. Il-ħsieb hu li tinfeda parti mill-ispiża għat-tibdil tal-elettriku u l-fanali ta' Misraħ l-Isptar.

31.3 Attivita Milied 2026

Dwar l-attivita tal-Milied il-Kunsill qed jippjana li jagħmel attività fuq ir-roundabout bħala Christmas Village, kif ukoll attivitajiet edukattivi relatati mal-Milied. Id-dettalji eżatt jkunu deċiżi aktar il' quddiem.

31.4 Bandli tal-Grazzja

Saret komunikazzjoni mal-Baden Powell dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti. Sadanittant is-Sindku Steve Zammit Lupi innota li l-parti tan-nofs tal-bandli tinsab vojta u faċilment jista jitpoġġa apparat rikrejattiv ieħor bħal playhouse. Dan jittieħdu mill-fondi tal UIF. Huwa stmat li l-playhouse tiswa madwar Eur150,000. Kien hemm qbil unanimu li din il-playhouse issir.

31.5 Festa San Filep 2026

Kien ikkomunikat li sar meeting ma' tal-barijiet u ristoranti kollha tal-pjazza minħabba l-festa. Il-Kunsilliera reġgħu kienu mfakkra li kull ħanut jista jingħata sa massimu ta' żewġ parking spaces u bar f'każ li l-encroachment tal-lands ma jkunx iżgħar minn hekk. U li waqt il-Purcissjoni ta' San Filep ma jistax ikun hemm armat bars barra. Ser tinżamm miżata ta' Eur150 għall-ġbir taż-żibel u Eur20 għall-kiri tal-mobile toilets.

31.6 Vot tal-Flus

Il-vot tal-flus kien iċċirkolat minn qabel. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi, sekondata mill-Viċi Sindku Joseph Agius, kien hemm qbil unanimu u dawn il-pagamenti kienu approvati.

30.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:40pm.

| | |
|---|---|
| **Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

,